**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa b'Urgenza tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed u Għoxrin (21)

## It-Tnejn, 23 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' online, fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**20.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**21.2. Toroq Residenzjali 2021.**

Is-Sindku innota li l-Kunsill irċieva ittra biex kull Kunsill f'Għawdex jgħati rispons fuq tlett progetti jew toroq li l-Kunsill għandu interess u il-bzonn jagħmel fis-sena 2021.

Is-Sindku għamel tlett proposti ta' areas ta' Toroq:-

1. Parti minn Triq Emigranti flimkien ma Parti ta' Triq DC Cocco Palmeri.
2. Triq Wied ir-Riħan u Wied ir-Riħan.
3. Triq San Guzepp.

Kien hemm diskussjoni twila mal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Joseph Vella issuggerixxa li ninkludu ħitan tas-sejjieħ fi Triq Grunju imma s-Sindku innota li hemm aktar il-bzonn fin-Nadur għat-tiswija tat-toroq u progetti oħra jistghu jiġu applikati taħt il-fondi tad-DPF. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku irimarka li ser jagħmel zewg noti ma' dawk it-tlett progetti li huma:-

Nota 1- Biex tingħata attenzjoni lit-Triq ta' Sopu u isir ix-xoghol minn naha tal-MGOZ.

Nota 2- Biex jibda isir pjan għal Triq it-Tigrija li miegħu jigbor Triq il-Qala, l-ewwel parti ta' Triq San Blas u Triq Daħlet Qorrot, filwaqt li tindirizza l-problema tal-għargħar.

Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil fuq dan kollu.

**20.2.** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel remarka biex tintbgħat ittra ta' Awguri lit-tlett Ministri Għawdxin. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Laqgħa spiċċat fis-6pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva